**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Sebgħa (7)

## It-Tlieta, 3 ta' Diċembru, 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

Ħadd

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**07.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hem ittri ta' apoloġiji.

**07.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-sitt (6) laqgħa tal-5, ta'Novembru 2019 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

**07.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti, Quarterly Reports Q3 2019**

Is-Sindku spjega li daħlu fil-kontijiet €15,000 tal-iskema tal-MGOZ tal-Karnival, €200 ta' Green Pak tal-Wirja Agrarja u €9,700 mingħand Wasteserv. Daħlu ukoll €7,600 ta' Urban Greening li ser jitwarrbu fil-kont. Għad faddal jidħlu €1,500 GDS, €4,000 Halloween u €1,000 LA ta' Triq ta' Zrajk. Hemm ukoll €2,000 euro fil-kont tal-M4.3 fis-Central Bank li l-Kunsill ser jerġgħa jieħu lura kif ukoll bilanċ pendent tal-LESA bl-ammont ta' €4,800.

Il-kunsill ser joħrog madwar €1,000 lil Kuntrattur Richard Cauchi fuq kontijiet ta' 2016 u 2017. Kien hem qbil fuq dan.

Is-Sindku innota li għadna mingħajr risposta fir-rigward tal-varations u anke saret talba bhala sindki lil DLG għal għajnuna fuq dawn.

Is-Sindku nnota wkoll ir-rapport tal-Awditur Ġenerali li kien posittiv għal Kunsill tan-Nadur, u l-Accountant spjegat kif suppost qegħdin b'deficit minħabba flus li kien hemm fil-kontijiet lesti biex jintużaw fuq proġetti.

Is-Sindku ppreżenta wkoll breakdown tal-ispejjeż tal-Wine Festival fuq talba tal-Viċi Sindku. Kien hemm diversi mistoqsijiet mill-kunsilliera li ġew mwieġba.

Quarterly Reports Q3 2019- Kien hemm prezenti l-Accountant tal-Kunsill li tat spjegazzjoni dettaljata tal-qagħda finanzjarja fil-kontijiet kurrenti tal-Kunsill Lokali u spjegat il-Quarterly report Q3 u anke irrispondiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

Il-Quarterly Reports Q3 2019 gew approvati unanimament. Il-Viċi Sindku irrimarka li kien hemm Kunsilli li kienu bħalna u baqgħu fejn kienu mingħajr ebda progress bħal ma għamel il-Kunsill tan-Nadur.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

Nota:- Michelle Camilleri, l-Accountant tal-Kunsill ħalliet is-sala li fiha kienet qed issir il-laqgħa.

**07.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Updates mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

07.4.1**.** AED- Din twaħlet fil-faċċata tal-kunsill.

07.4.2. Ħajt kbir li waqa' San Blas- Dan inbena bis-sejjieh u konkos.

07.4.3. Fanali tal-Playing field tal-Ħali- Dawn trangaw.

07.4.4. Għar Mixta- Is-Sindku innota li nbgħat e-mail mill-ġdid lil MGOZ għal zviluppi.

07.4.5. Gnien Kunsill bankijiet – Dawn tranġaw minn George Grech u qed jinżebhu minn Joseph

Cauchi.

07.4.6 Purtieri Sala – lesti saru ġodda.

07.04.7 Aperturi Kunsill – Dawn għadhom ma bdewx.

07.04.8 Patching – se ikompli minn għada.

07.04.9 Qtugh ħaxix – Sar f'dawn it-toroq - Triq Ramla, Triq Duru, Triq Grunju, Wied ir-Rihan Soft Area, Triq Xurdin.

07.04.10 Bankina fi Triq Lazzru Pisani – lesta.

07.04.11 Żebbug Pjazza – Dan inġabar minn Ramla Valley pero ma setax jintuża.

07.04.12 Mirja wehlu fi Triq Plier, Uqija, Triq Rabat.

07.04.13 Saru yellow lines Triq Duru.

07.04.14 Illum tħawlu 15 il-sigra ta' Xurdin wara li konna applikajna għalihom.

07.04.15 Pending: Bankina Triq San Gwann (Jake Meilak), Bozza Triq Rabat, Titwitta Triq f'Ta' Xhajma, Bozza Triq Ħanaq, Kurduna Triq Piju Cellini (Peter Butcher).

**07.4.16. Rigward talbiet mill-Viċi Sindku:** Bozza cimiterju ta' Kenuna waslet u kemm teħel; Siġar ħdejn ċimiterju qed jitlob permess il-Perit; culverts f'Bingemma għadna bla risposta minn naha tal-Gvern; dawl fil-passaġġ Kenuna ma jistax isir peress li se jinqala kollox; bankina Triq Duru fil-process; yellow lines Triq Kenuna approvati u se isiru; sigar Triq Mgarr inzabru lesti. Pendenti: Sement Triq Rabat, Patch Triq Knisja, Ħajt Daħlet Qorrot, Tarag f'Rampa Agius de Soldanis.

**07.4.17. Rigward talbiet minn Jean Paul Portelli:** Ħaxix Monument FECC lest; gebel fuq ċint Daħlet Qorrot se isir daqt; Triq Emigranti qed naħdmu stima biex tintbgħat lil MGOZ. Pendenti: Gibjun tal-Pjazza.

**06.4.18. Rigward talbiet minn Joseph Vella:** Floodlight ħdejn skola fil-process li teħel; cover bozza fi Triq San Gwann fil-process; Triq Majza bullard marru TM fuq il-post u ma jistawx jgħalqu l-aċċess u it-tabella hija ċara u min jiġi rapurtat jiġi mmultat; Patching San Blas lest; Karti tal-Buses infurmajna TM; Ilma Day Centre jidher li tranġat sitwazzjoni; bozza fi Triq Girgor Buttigieg għalissa ma hemmx bzonna; dog Bin fi Triq il-Qala lest; Triq Duru sqaq rubber lest. Pendenti: Bankini San Gwann u Dun Gwann Camilleri, bozza Triq Knisja.

**07.4.19. Rigward talbiet minn Josef Camilleri:** Bankina ta' Triq Xjuf ir-Rih fil-process; rampa Triq Xandriku fil-process; sement taht bankini Triq Xandriku u Triq Sciortino lesti;

Palm Gnien Kunsill lest inqala; Wied Rihan zbir siġar lest; yellow lines Triq Diċembru 13 applikajna. Pendenti: Sement Rampa Triq Grunju.

Hawnhekk il-Viċi Sindku ppreżenta dettalji dwar dak li ġie diskuss fil-Laqgħa tar-Reġjun, fost l-oħrajn dwar il-contract manager, l-honoraria u anke l-accounts tal-Kunsilli.

**07.5. Korrispondenza.**

| | |
|---|---|
| 6410 | Fondi tal-LESA -applikazzjoni giet aċċettata |
| 6411 | Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| 6412 | Direttiva 5/2019-Revoka ta' Direttiva nr4/2019 u funzjonijiet tal-Kunsilli Regjonali |
| 6413 | PQ 11875 |
| 6414 | Cirkulari nr.21 rigward - Management letter |
| 6415 | Donation to L-Istrina campaign |
| 6416 | Smart Bins in Public Spaces - ***Kien hemm qbil fuq dawn u ser tintbgħat persuna biex jara fuq postijiet madwar Nadur fejn hemm bzonn.*** |
| 6417 | 4/ 2019 - Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali |
| 6418 | Cir AKL 2019/133 - Preparations for Black Friday |
| 6419 | 5/2019 Revoka ta' Direttiva Numru 4/2019 - Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali |
| 6420 | Cir AKL 2019/130 - Bulky Waste Carriers at CA Sites |
| 6421 | Cir AKL 2019/134 Call for applications - youth delegates 2020 |
| 6422 | Cir AKL 2019/135 LCA Christmas Gathering |
| 6423 | Ċirkulari 19/2019 - Sistema ta' Live Streaming - ***Il-Kunsill talab stima lil Kuntrattur tal-Streaming peress li hemm bzonn jinxtara xi apparat ġdid. Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.*** |
| 6424 | Ċirkulari 20/2019 - Emendi fl-Allowances – ***ser jiġu emendati kif mitlub*** |

Kien hemm ukoll talba għal Communal Reserved Parking Bay minn Rita Muscat fi Triq it-Telegrafu. Kien hemm qbil unanimu li mmexxu ma' TM.

**07.6. Wasteserv Kerbside Truck;**

Kien hemm qbil li dan jagħmel ċertu zmien f'area u imbgħad jmur f'areas oħra madwar in-Nadur. Kien hemm qbil li fil-laqgħa li jmiss issir roster u tiġi ppublikata. Il-Kunsilliera kollha qablu li marru jaraw fuq il-post u ma kienx hemm ħmieġ jew riħa. Is-Sindku qal li Wasteserv tawh feedback tajjeb ħafna dwar kemm qed jintuża.

**07.7. Offerti Pubbliċi.**

**NLC/10/2019-** Dawl tal-Milied- ġiet approvata l-unika kwotazzjoni konformi ta' D Illumination Ltd għall-prezz ta' €7,800.

Joseph Vella talab biex nikkunsidraw inżidu areas oħra fil-futur. Kien hemm qbil li din tiġi diskussa l-quddiem. Ma kienx hemm qbil mal-proposta ta' Joseph Vella li nagħmlu armar tal-Milied li jkun tagħna.

Is-Sindku rrimarka li ser joħorġu l-kwotazzjonijiet relatati mal-Karnival, tas-sound, indafa, dawl u mobile toilets.

**07.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali.**

**07.7.1. LESA Funding – Attivitajiet fil-Librerija:**

Seri kun hem Press Conference fl-10 ta' Diċembru fejn ser tkun prezenti is-Segretarja u l-Kunsillier Joseph Vella. Fuq talba ta' Joseph Vella, kien hemm qbil li dan il-programm jiġi pospost għal Marzu.

**07.7.2 Jum il-Kunsill 2019 (Post Mortem):**

Is-Sindku reġa spjega numru ta' attivitajiet:

Kien hemm qbil li l-attivitajiet kollha li kien hemm fosthom il-Kunċert ta' San Koronatu, il-Clean up, il-Ħarga ta' l-anzjani, l-Attivita' fil-librerija, Sports Day fil-Muzew u l-Quddiesa u Serata kienu ta' Suċċess. Il-Viċi Sindku faħħar li Ġieh in-Nadur jingħata fis-sala tal-Kunsill, u anke l-Quddiesa li saret b'format ta' familja. Huwa faħħar ukoll il-Clean Up li saret mal-iskola Primarja. Joseph Vella faħħar ħafna l-attendenza fil-librerija.

Open Day – Din kellha tiġi posposta minħabba l-maltemp u xorta kien hemm numru sabiħ li attendaw. Kien hemm qbil li din darb'oħra tinżamm fl-istess ġurnata anke jekk ikun maltemp.

Triangular Tournament – Is-Sindku innota li dan għadu ser isir peress li kien il-maltemp.

**07.7.3 Charter Tisno - Libraries:**

Is-Sindku spjega li dan qed naħdmu fuqu u ser ikollna aktar dettalji l'quddiem.

**07.7.4 Milied:**

Rigward l-attivita ta' Santa Claus, is-Sindku informa li ser ikun hemm bzonn erbgħa persuni għal l-ideja li Santa Claus fuq il-bjut. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli ta update fuq iċ-ċerva. Is-Sindku qal li ma rnexxilniex rigward Sponsor mingħand is-Segretarju Parlamentari. Ser ikun hemm stand ta' Inspire fejn ser jagħmlu ħelu, Mulled wine u hot chocolate. L-artist Charlie Camilleri ser jagħmel arti tal-Milied għat-tfal. Ġew konfirmati l-balloon modelling u Mekren Bakery. Kien hemm qbil ukoll li jkun hemm street artist.

**07.7.5 Video Charter:**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera li dan ser ikun il-Ħamis wara l-Exhibition tas-sala tal-Kunsill.

**07.7.6 Attivita Librerija Milied:**

Is-Sindku talab lil Kunsillier Joseph Vella sabiex jkun prezenti peress li hu ma jistax jattendi. Peress li dan ma jistax jattendi ser jieħu ħsieb Peter Ray Said.

**07.7.7** Nadur 8K:

Is-Sindku informa li ser ikun hemm Press Conference it-Tlieta 17 ta' Diċembru fl-4pm. Ser ikun hemm grupp ta 40 volontiera. Is-Sindku talab l-għajnuna tal-Kunsilliera ukoll.

**07.7.8 Sotto-Kumitat Karnival:**

Is-Sindku qal li dan beda jiltaqa' u kien hemm madwar 20 persuna li attendaw. Ġie deċiz li isiru banners ta Xhajma, Mgarr, Xewkija, Daħla Rabat, Villa Rundle u jsiru maskeruni fissi sabiex jeħlu ta Xhajma minn Peter Muscat kif ukoll maskeruni fiċ-ċentru minn Ivan Xuereb. Ser naraw jistgħux isiru xi bnadar Ta' Xhajma mal-arbli tad-dawl. Dan u San ser ikunu l-prezentaturi.

**07.7.9 Inhobbok Event 2020:**

Ser issir attivita' specjali t-Tlieta 4 ta' Frar u ser tiġi mistiedna l-Ministru għal Għawdex. Kien hemm qbil li jitqassam rigal tal-ħelu lil anzjani.

**07.7.10** Attivitajiet ma Skola Primarja:

Il-Fun Day ser tkun fis-19 ta' Dicembru u l-Kunsill mistieden jattendi bħala kollaboratur. Il-Kunsillier Joseph Vella ta' update rigward l-Events mal-klassijiet u ġew diskussi diversi ideat.

**07.7.11 Charter u Ġemellaġġi 2020:**

Charter:

Jidher li l-Annual Meeting ser isir f'Lulju fi Spanja. Is-Sindku talab lil Karistu jesplora ftehim ma Cashel f' l-Irlanda u anke forsi nieħdu tim tal-futbol hemm. Il-Kunsill qabel li Karistu u persuna oħra jmorru Cashel f'isem il-Kunsill Lokali.

Gemellaggi:

Cicciano: dan irid isir bejn id-29 ta' Mejju u 2 ta' Ġunju u se jinkludi grupp, u attivitajiet marbuta mal-gemellagg u visits bhal Capri, Sorrento u Napli.

Zafferana: nieħdu grupp għal Ottobru sabiex inzuru Ottobrata pero nibdlu ftit u din id-darba ma noqodux Zafferana. Inqabbdu lil Ron tour leader biex ikollna agro-turismo.

Baveno: Is-Sindku spjega li l-idea hija li naħdmu fuq skambju bit-tfal tal-iskola.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan kollu.

**07.7.12 Mnarja 2020- Attivita' għat-Tfal:**

Il-Kunsillier Joseph Vella qal li kieku kull min għadnu statwa itellgħha jew nistaqsu lil xi hadd li għandu statwa biex ninkluduha fil-programm tat-tfal. Wara diskussjoni twila s-Sindku issuġġerixxa li jsir meeting il-Kunsill ma' Joe Muscat tal-Festi Esterni flimkien ma xi hadd minn naha tal-Knisja.

**07.7.13 Child Care Centre:**

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri spjega fid-dettall ix-xewqa li isir Child Care Centre fl-iskola. Huwa qal li tkellem mal-Madam ta' l-iskola Primarja Nadur fejn wriet interess kbir. Kien hemm qbil li l-ewwel tinkiteb ittra b'talba lil Madam u din tmexxi fid-Dipartiment u persuna Konċernata.

## 07.9. Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

**07.9.1** Triq Fatima u Triq Kenuna – Fuq din it-Triq saru trial holes u investigations minn naha tal-MGOZ. Rigward Triq Kenuna din ser tkun bit-tender u Triq il-Madonna ta' Fatima qed isiru BOQs.

07.9.2 Triq il-Bajja ta' San Blas – Il-Perit ser jitkellem mal-kuntrattur fuq din it-triq.

07.9.3 Triq ir-Ramla l-Qadima- Qed nistennew li tingħata konferma mill-MGOZ.

07.9.4 Triq Emigranti u Cocco Palmeri – Il-Perit qed jaħdem fuq stimi.

07.9.5 Triq Buskett – Kien hemm qbil li ingibu stima għal partijiet li huma dizastru.

07.9.6 Is-Sindku innota li ser ikun hemm bzonn ta' xoghol ta' maintenance fuq il-playing fields wara rapport li sar apposta mingħand l-MCCAA.

07.9.7 Pendenti: Dawl fi Gnien ta' Kenuna; Festun tal-fiss fil-Pjazzetta; Ashtray Bins Pjazza; Patch Triq Lourdes; Monument Karnival railing; Fossa gnien kunsill u Bus shelter pjazza.

## 07.10. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

07.10.1 Sindku – Talba għal yellow lines fi Triq Papa Ljun faċċata ta' garage, Triq San Blas faċċata ta' garage u Triq ta' Said faċċata ta' garage. Il-Kunsill ser jara fuq dawn peress li qed isiru ħafna talbiet għal yellow lines.

07.10.2 Sindku – Talba għal bozza ġdida fi Triq Andar. Kien hemm qbil li din ma issirx peress li qatt ma kien hemm talba mingħand ir-residenti f'din it-Triq.

07.10.3 Sindku- Biex jintrema screen tal-computer qadim li ma jaħdimx. Kien hemm qbil.

07.10.4 Segretarja- Ġie spjegar li s-Segretarju Ezekuttiv kien għad fadlilha xi vacation leave li minhabba impenji ta' xogħol matul is-sena mhux ser ikun ittiehed sa l-aħħar tas-sena. Fil-prezent kien għad fadlilha s-Segretarju Ezekuttiv 288 hours. Il-Kunsill qabel li l-Vacation Leave għandu jizdied ma' tas-sena d-dieħla.

07.10.5 Eucharist Camilleri- Jinbena ċint fi Triq Ramla li waqa bil-maltemp.

07.10.6 Eucharist Camilleri – talba rigward biex isir talba bil-customer care għal tindif ta' Qala Road.
07.10.7 Eucharist Camilleri- talba għal tabella tal-qtates fi Triq Aguis de Soldanis. Ma kienx hemm qbil fuq dan.
07.10.8 Joseph Vella- talba biex titranga biċċa minn triq Wied ir-Rihan. Ma kienx hemm qbil peress li hemm il-problemi bejn il-bdiewa.
07.10.9 Joseph Vella – staqsa jekk jistawx isiru visits fis-shelter mill-iskola. Kien hemm qbil fuq dan.
07.10.10 Jean Paul Portelli – bozoz mitfiha fil-Pjazzetta.
07.10.11 Josef Camilleri – Patching Triq Dahlet Qorrot.
07.10.12 Josef Camilleri – Maintenance fit-Torri Sopu – ser niċċekjaw ma LDAH.

**06.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 7 ta' Jannar, 2020 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |